# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Illum, il-Ġimgħa, 29 ta' April, 2022**

**Rikors Maħluf Nru: 1094/2021**

***OMAR ELLUL U MARTU EDWIDGE ELLUL***

***VS.***

***PKR'S CONSTRUCTION COMPANY LIMITED***

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza finali dwar żewġ talbiet magħmula mill-atturi Omar u Edwidge miżżewġin Ellul sabiex huma jiġbru lura s-somma ta' €37,139 jew somma oħra fil-qrib li huma qegħdin jgħidu li ħallsu lill-kumpannija konvenuta għalxejn għal xogħlijiet ta' bini li ma twettqux;

***Daħla***

2. B'rikors maħluf imressaq fit-**8 ta' Novembru, 2021**, l-atturi Ellul fissru li huma kienu qabbdu lill-kumpannija konvenuta sabiex hija twettaq xogħlijiet ta' bini fil-post bin-numru 10, fi Triq l-Għasfura, Ħaż-Żebbuġ. Dawn ix-xogħlijiet, illum il-ġurnata m'għadhomx għaddejjin;

3. L-atturi jgħidu li huma kienu laħqu ħallsu lill-kumpannija konvenuta għal xi xogħlijiet li kienu għadhom ma sarux. Skont l-atturi, il-kumpannija konvenuta kienet ħatret kejjiel (*surveyor*) sabiex jiddetermina kemm kien l-ammont li huma ħallsu żejjed għax-xogħlijiet li ma kinux saru u huma jgħidu li dan stabbilixxa li dawn il-ħlasijiet żejda kienu jlaħħqu mas-€37,139;

4. Jispjegaw li huma ta' xejn talbu lill-kumpannija konvenuta troddilhom lura dawn il-flus u għalhekk huma kellhom jiftħu din il-kawża fejn talbu lill-qorti sabiex:

> *«1. Tiddikjara li r-rikorrenti ħallsu lis-soċjetà intimata s-somma ta' Euro 37,139.00 jew somma verjuri li tiġi stabbilita bl-opera ta' periti nominandi, inutilment għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni fil-fond 10, Triq l-Għasfura, Żebbuġ [Malta], liema xogħlijiet ma sarux kif ser jiġi ppruvat;*
>
> *2. Tordna lis-soċjetà intimata tħallas lura lir-rikorrenti s-somma ta' Euro 37,139.00 jew somma verjuri li tkun hekk likwidata bl-opera ta' periti nominandi;*
>
> *Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali li għandu jiddekorri mal-preżentata ta' dana r-rikors ġuramentat u b'hekk minn issa s-soċjetà tibqa' nġunta għas-subizzjoni.»*

5. B'digriet tagħha tal-**<u>10 ta' Novembru, 2021</u>**, il-qorti ordnat in-notifika tar-rikors maħluf lil PKR's Construction Comany Limited, liema rikors ġie notifikat lilha fit-2 ta' Diċembru, 2021. Għad li l-kumpannija konvenuta ngħatat żmien ta' għoxrin jum minn meta tirċievi l-atti kollha tar-rikors maħluf sabiex hija tressaq risposta maħlufa, hija baqgħet ma ppreżentat l-ebda tweġiba;

6. L-atturi Ellul ddikjaraw li kienu qegħdin jagħlqu l-provi tagħhom fis-seduta tat-**<u>28 ta' Frar, 2022</u>**;

7. Minkejja li fl-istess seduta tat-**<u>28 ta' Frar, 2022</u>**, il-qorti tat lil-kumpannija konvenuta l-opportunità sal-21 ta' Marzu, 2022 biex jekk trid hija tressaq is-sottomissjonijiet mil-miktub tagħha skont l-**artikolu 158(10) tal-Kap 12 tal-**

**Liġijiet ta' Malta**, il-kumpannija konvenuta baqgħet ma ppreżentatx is-sottomissjonijiet tagħha;

8. Fis-seduta tat-**<u>8 ta' April, 2022</u>**, l-avukat difensur tal-atturi Ellul iddikjara li l-atturi kienu qegħdin jistrieħu fuq l-atti tal-kawża. Għalhekk dakinhar il-kawża ġiet imħollija għas-sentenza biex tingħata llum;

***Fatti***

9. Fit-**<u>18 ta' Frar, 2019</u>**, l-attur Omar Ellul daħal fi ftehim bil-miktub ma' Peter Caruana f'isem il-kumpannija PKR's Construction Company Limited sabiex din tal-aħħar tibni dar fuq sit, fi Triq l-Għasfura, Ħaż-Żebbuġ. F'dan il-ftehim hemm imniżżla l-prezzijiet u r-rati kollha li bihom il-kumpannija konvenuta kellha titħallas sabiex tibni d-dar imsemmija (ara minn paġni 25 sa 31 tal-atti tal-kawża);

10. Skont Omar Ellul, il-kumpannija konvenuta bdiet ix-xogħol ta' bini fit-13 ta' Jannar, 2020. Hija kienet titlob li titħallas somma flus kull tant żmien għax-xogħol li kienet qiegħda twettaq;

11. Wara li sar l-ewwel kejl tax-xogħol min-naħa tal-kejjiel Mark Debono, il-perit tal-atturi, George Farruġia, beda jsib xi diskrepanzi fix-xogħol li kien twettaq u fil-prezzijiet li kienu ġew applikati. Dan spjega li f'ċerti każijiet kien hemm xi ħitan li tagħhom kien qiegħed jintalab ħlas doppju u kif ukoll li l-kumpannija konvenuta kienet qiegħda titlob ħlas b'rata akbar minn dik miftehma għall-ħadid li ntuża fix-xogħlijiet (ara x-xiehda ta' George Farruġia f'paġni 20 u 21 tal-atti tal-kawża);

12. Fid-dawl ta' dawn is-sejbiet Omar Ellul, Peter Caruana, il-bennej u l-kejjiel Mark Debono ltaqgħu biex jiddiskutu d-diskrepanzi iżda mhux kollox ġie indirizzat. Aktar tard huma reġgħu ltaqgħu fuq il-post sabiex isir il-kejl tal-bqija tax-xogħol li kien għadu ma tteħidx qies tiegħu, iżda kif Omar Ellul semmielhom id-diskrepanzi misjuba aktar kmieni, il-kejjiel Mark Debono qalilhom li ma kienx sejjer jaċċetta tibdil u bewweġ 'il hemm minn fuq il-post. Hemmhekk, il-kejl tax-xogħol tkompla

mill-perit George Farruġia u minn Peter Caruana (ara l-affidavit ta' Omar Ellul f'paġna 14 tal-atti tal-kawża);

13. Fl-istess ġimgħa Peter Caruana waqqaf ix-xogħlijiet u ġarr kollox minn fuq il-post. F'dak l-istadju Omar Ellul kien diġà ħallas €151,500 lill-kumpannija konvenuta, liema somma ta' flus, skont Omar Ellul, kienet ġiet ikkonfermata minn riċevuti u dikjarazzjoni (*statement*) mibgħuta lilu mill-kumpannija konvenuta (ara l-affidavit ta' Omar Ellul f'paġna 15 tal-atti tal-kawża). Peress li ma kienx hemm qbil dwar il-kontijiet kif riveduti minn Omar Ellul, l-atturi u l-kumpannija konvenuta qablu li jitqabbad kejjiel indipendenti sabiex jerġa' jkejjel kollox mill-bidu nett (ara x-xiehda ta' George Farruġia f'paġna 22 tal-atti tal-kawża). Għal dan il-għan ġie mqabbad il-kejjiel Winston Muscat;

14. Dan, wara li mar fuq il-post xi tliet darbiet biex iwettaq l-eżerċizzju tal-kejl hawn fuq imsemmi, ħejja rapport fejn wasal għal kont totali li kien ferm inqas minn dak li kienet ħarġet il-kumpannija konvenuta (ara x-xiehda ta' Winston Muscat f'paġna 33 tal-atti tal-kawża). B'hekk l-atturi Ellul spiċċaw biex ħallsu żżejjed għax-xogħlijiet inkwistjoni. Skont dan ir-rapport, li jinsab f'paġni minn 35 sa 59 tal-atti tal-kawża, ix-xogħlijiet li twettqu mill-kumpannija konvenuta u li kellhom jitħallsu mill-atturi Ellul kienu jiswew €100,577.72. Din is-somma ma tinkludix it-taxxa fuq il-valur miżjud;

15. Winston Muscat għadda dan ir-rapport lil Katya Caruana, li tiġi mart Peter Caruana, u din indikatlu li kellhom bżonn jiltaqgħu biex jiddiskutu d-differenzi li huwa sab. Madankollu, huwa ma reġa' sema' xejn mingħandha. Aktar tard, Omar Ellul kiteb lill-kumpannija konvenuta bl-avukat sabiex hija tħallsu lura l-flus żejda li huwa kien ħallasha tax-xogħlijiet. Minkejja dan, huwa baqa' bla risposta;

16. Imbagħad, fit-**<u>8 ta' Novembru, 2021</u>**, l-atturi Ellul fetħu din il-kawża sabiex jiġbru mingħand il-kumpannija konvenuta l-ammont ta' €37,139 li tħallas żejjed minnhom. Skont Omar Ellul, huwa wasal għal dan l-ammont wara li ħareġ id-differenza bejn l-ammont ta' €151,500 li tħallas minnu u minn martu lill-

kumpannija konvenuta u l-ammont li wasal għalih il-kejjiel Winston Muscat (ara x-xiehda ta' Omar Ellul f'paġna 61 tal-atti tal-kawża);

***Konsiderazzjonijiet***

17. Din hija kawża fejn l-atturi Ellul qegħdin jitolbu l-ħlas lura ta' flejjes li fil-fehma tagħhom ma kellhom qatt jitħallsu lill-kumpannija konvenuta. F'dan il-każ kien hemm relazzjoni kuntrattwali bejn l-atturi Ellul u l-kumpannija konvenuta għaliex dawn kienu laħqu ftehim bil-miktub biex isiru x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni. Għalhekk, l-atturi qegħdin jibnu l-każ tagħhom fuq il-ksur tar-rabta kuntrattwali ta' bejniethom min-naħa tal-kumpannija konvenuta u r-radd lura ta' dak li tħallas lill-istess kumpannija mingħajr ma kellha jedd għalih. Skont l-atturi Ellul, dan il-ksur kuntrattwali li wassal għall-ħlas żejjed jirriżulta kemm minn xogħlijiet li ma sarux u kif ukoll minn xogħlijiet li tagħhom inżamm prezz li huwa aktar għoli minn dak miftiehem fil-kuntratt;

18. Ladarba bejn il-partijiet kien hemm fis-seħħ rabta kuntrattwali japplika għall-każ tagħna l-**artikolu 1147(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, li jgħid illi, *«kull ħlas jissoponi dejn, u dak li jitħallas bla ma jkollu jingħata jista' jintalab lura.»*;

19. Dan l-artikolu jixxiebaħ ħafna mal-ewwel parti tal-**artikolu 2033 tal-Kodiċi Ċivili Taljan** li jaqra hekk: *«chi ha eseguito un pagamento non dovuto ha diritto di ripetere ciò che ha pagato»*. F'każ bħal dan, l-attur ikollu fuqu l-piż li jipprova mhux biss: (i) li huwa jkun wettaq il-ħlas; iżda wkoll (ii) in-nuqqas ta' *causa debendi*, jiġifieri li dak il-ħlas ma kienx dovut (ara ***Romeo Fleri v. John B. Mifsud et***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Novembru, 1948 u ***Alfred Tonna et v. Carmelo Buġeja et***, Appell Ċivili, 8 ta' Frar, 1957);

20. Kif diġà ngħad aktar 'il fuq, ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet f'din il-kawża hija waħda kuntrattwali u għalhekk, b'differenza għas-sitwazzjoni fejn ir-rabta ta' bejn il-partijiet tkun waħda kważi-kuntrattwali (ara l-**artikolu 1022(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**), l-attur mhux meħtieġ li jipprova li huwa wettaq żball meta

għamel il-ħlas (ara ***Francesco Spiteri v. Markiż Daniele Testaferrata Bonniċi Axiak***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 10 ta' Frar, 1940 u ***Alfred Buġeja et v. Cottonera Waterfront Group plc***, Appell Inferjuri, 3 ta' Ottubru, 2008);

21. L-**artikolu 1147(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** ma jsemmi xejn dwar il-ħtieġa li l-ħlas żejjed irid ikun sar bi żball u għalhekk huwa biżżejjed li jintwera li l-ħlas ma kienx mistħoqq;

22. Issa fil-każ tagħna, il-kumpannija konvenuta għażlet li ma tweġibx għat-talbiet li ressqu kontriha l-atturi Ellul u għalhekk, ladaraba hija waqgħet kontumaċi, il-qorti kellha l-opportunità li tisma' biss qanpiena waħda, jiġifieri dak li kellhom xi jgħidu l-atturi Ellul;

23. Il-fatt waħdu li l-kumpannija konvenuta ma wrietx interess fil-kawża miġjuba kontriha, u għażlet li ma tweġibx, ma jfissirx li l-atturi ġew meħlusa mill-piż li jippruvaw il-każ tagħhom skont il-grad u l-qies li titlob minnhom il-liġi. Anzi, meta konvenut ikun waqa' fi stat ta' kontumaċja l-attur xorta waħda jibqagħlu l-piż li jressaq provi sodisfaċenti biex isejjes it-talbiet tiegħu. Tassew, il-fatt waħdu li l-kumpannija konvenuta għażlet li ma tiddefendix ruħha f'din il-kawża ma jfissirx li hija ammettiet għat-talbiet imressqa mill-atturi (ara f'dan is-sens ***Charles Saliba v. Salvu Borg***, Appell Ċivili, tas-27 ta' Ġunju, 1997);

24. Huwa miżmum fil-ġurisprudenza li l-kontumaċja għandha tiġi meqjusa bħala oppożizzjoni għat-talbiet magħmula fir-rikors maħluf fejn il-konvenut ikun ħalla lillu nnifsu għall-ġudizzju tal-Qorti. Għalhekk, f'każ bħal dan il-qorti jeħtiġilha tisħarreġ jekk it-talbiet tal-atturi humiex mistħoqqa billi tgħarbel bir-reqqa l-fatti li jkunu nġabu quddiemha sabiex tistabbilixxi l-verità, u dan indipendentement mill-istat ta' kontumaċja tal-kumpannija konvenuta (ara fost l-oħrajn ***Ruth Apap v. Noel Apap***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' Ġunju, 1995, ***Charles Saliba v. Salvu Borg***, Appell Superjuri, 27 ta' Ġunju, 1997, ***Feniċi Insurance Agency Limited noe v. Paul Stoner et***, Appell Inferjuri, 22 ta' Novembru, 2002, u ***Maria Muscat et v. Michael Attard et***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' Ġunju, 2016);

25. Jiġi b'hekk, li f'dan il-każ l-atturi Ellul xorta kellhom l-obbligu li jneħħu l-piż tal-prova minn fuqhom u jmexxuh għal fuq il-kumpannija konvenuta. Il-grad ta' prova li l-atturi Ellul kellhom jilħqu, *«huwa dak li biżżejjed inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta mill-preponderanza tal-provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabilitajiet»* (ara ***Vincent Borġ v. Teresa Borġ***, Appell Superjuri, tad-29 ta' Jannar 2016 u ***Concorde Developments Limited v. B. Grima and Sons Limited***, Appell Superjuri, tas-27 ta' Jannar, 2017);

26. Tradott dan kollu għall-każ tagħna, il-qorti tqis li l-atturi Ellul tabilħaqq irnexxielhom jilħqu l-grad ta' prova hawn fuq imsemmi. Dan għaliex huma rnexxielhom jippruvaw b'suċċess kemm li l-pagament sar, u kif ukoll li kien hemm ħlas li huma wettqu li ma kienx dovut;

27. Dwar il-prova tal-ħlas fl-ammont ta' €151,500, din il-qorti sejra toqgħod fuq il-kelma ta' Omar Ellul li ħalef bil-ġurament tiegħu li huwa ħallas dan l-ammont lill-kumpannija konvenuta kemm waqt ix-xiehda tiegħu tat-28 ta' Frar, 2022 (ara paġna 61 tal-atti tal-kawża) u kif ukoll fl-affidavit li huwa ppreżenta waqt l-istadju tal-provi;

28. Din il-qorti temmen ukoll li l-atturi fil-fatt għamlu ħlas żejjed lill-kumpannija konvenuta. Dan joħroġ ċar mix-xiehda tal-kejjiel Winston Muscat u mir-rapport imħejji minnu fejn huwa sab li kien hemm differenza netta bejn dak li ġie mħallas lill-kumpannija konvenuta u dak li fil-fatt kellu jitħallas. Din il-qorti m'għandhiex għalfejn ma toqgħodx fuq il-fehma ta' dan il-kejjiel, li wara kollox ġie mqabbad mill-kumpannija konvenuta bħala kejjiel indipendenti (ara x-xiehda ta' Winston Muscat f'paġna 32 tal-atti);

29. Madankollu, din il-qorti ma tistax taqbel mal-ammont ta' flus li skont l-atturi Ellul ġie mħallas żejjed minnhom lill-kumpannija konvenuta. Skont Omar Ellul, huwa wasal għall-ammont ta' €37,139 wara li huwa ħareġ id-differenza bejn l-ammont ta' €151,500 li huwa ħallas u l-ammont li wasal għalih il-kejjiel Winston Muscat;

30. Issa skont ir-rapport ta' Winston Muscat, l-ammont sħiħ li fil-fehma tiegħu kellu jiġi mħallas mill-atturi Ellul lill-kumpannija konvenuta kien dak ta' €100,577.72. Dan l-ammont ma jgħoddx fih it-taxxa fuq il-valur miżjud. Għalhekk, jekk mal-ammont hawn fuq imsemmi tiġi miżjuda t-taxxa, is-somma totali titla' għal €118,681.71;

31. Min-naħa tiegħu, Omar Ellul ma speċifikax jekk l-ammont ta' €151,500 li huwa ħallas lill-kumpannija konvenuta kienx jinkludi jew jeskludi t-taxxa fuq il-valur miżjud. Fuq din il-materja, l-**artikolu 49(2) tal-Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta** jgħid li, *«fejn l-ammont ta' taxxa li għandu jitħallas taħt dan l-Att ma jkunx identifikat fi ħlas għal provvista taxxabbli jew fi prezz imħallas, ħlief għal f'fattura jew dokument li jservi bħala fattura maħruġa minn persuna taxxabbli lil persuna taxxabbli oħra, għal provvista taxxabbli, dak il-ħlas jew prezz għandu jitqies li jkun jinkludi t-taxxa.»*;

32. Għalhekk, fid-dawl ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi, ladarba ma ġiex indikat b'mod ċar minn Omar Ellul li l-ammont ta' €151,500 jeskludi t-taxxa, din il-qorti sejra tqis li dan l-ammont kien jinkludi t-taxxa fuq il-valur miżjud (ara wkoll f'dan is-sens ***Ramco Limited v. Emanuel Żammit et***, Appell Superjuri, 25 ta' April, 2018);

33. Issa meta wieħed inaqqas l-ammont li suppost kellu jitħallas mill-atturi ta' €118,681.71 mill-ammont ta' €151,500 li fil-fatt tħallsu mill-atturi Ellul, is-somma li toħroġ li tħallset żejda mill-atturi tiġi li hija <u>€32,818.29</u> u mhux dik ta' €37,139 li qegħdin jitolbu l-atturi fir-rikors maħluf tagħhom. Għalhekk, huwa dan l-ammont li din il-qorti sejra tordna li jiġi mħallas lura lill-atturi Ellul. Wara kollox, kienu l-atturi stess li fit-talbiet tagħhom semmew is-somma ta' €37,139 jew <u>somma oħra fil-qrib</u>;

34. Għaldaqstant, f'ċirkostanza bħal din, ladarba ma tressqitx prova kuntrarja li twaqqa' t-teżi tal-atturi, din il-qorti tista' tissokta billi tilqa' l-ewwel żewġ talbiet tal-atturi Ellul u b'hekk fl-ewwel lok sejra tiddikjara li l-atturi ħallsu żejjed lill-

kumpannija konvenuta s-somma ta' €32,818.29 u fit-tieni lok sejra tordna lill-istess kumpannija konvenuta tħallas lura din is-somma lill-atturi;

35. Dwar l-imgħax mitlub mill-atturi, il-qorti bit-tħaddim tal-**artikolu 1139 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** ħa timxi fuq ir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena. Dwar minn meta għandu jitlaq l-imgħax, tidħol ir-regola msemmija fl-**artikolu 1141(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** li tgħid, li l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dakinhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju u dan minkejja li fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni. Kif intqal mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza ***Iris Dalmas v. Ronnie German et***, deċiża fis-16 ta' Marzu, 2005:

> *«Għall-iskop tad-dekorriment ta' l-imgħax hu meħtieġ interpellazzjoni formali biex id-debitur jitqiegħed in mora. Jiġifieri, «una interpellazione specifica pel pagamento dei lucri e non una semplice intimazione al debitore di eseguire la sua obbligazione. (**Kollez. Vol. XVI P I p 84**)»*

36. Fil-każ tagħna, ma jirriżultax li l-atturi sejħu lill-kumpannija konvenuta b'att ġudizzjarju qabel ma fetħu dawn il-proċeduri biex jiġbru lura l-flejjes żejda li kienu ħallsu. Għalhekk huwa r-rikors maħluf innifsu, li għandu jitqies bħala l-att ġudizzjarju għall-għanijiet tal-**artikolu 1141(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

37. Issa f'dan il-każ, il-qorti naqqset l-ammont li l-atturi qegħdin jitolbu fir-rikors maħluf tagħhom. Madankollu, dan il-fatt waħdu ma jfissirx li l-imgħaxijiet ma jibdewx jgħaddu fuq is-somma hekk imnaqqsa minn dakinhar tas-sejħa għall-ħlas (ara ***Fogg Insurance Agencies Limited nomine v. Paul Tabone***, Appell Inferjuri, 17 ta' Frar, 2003 u ***H&C Developments Limited v. Francis Grech et***, Appell Superjuri, 25 ta' Jannar, 2013). Dwar dan il-punt ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***George Sladden v. Lonza Aġius*** deċiża fis-7 ta' Lulju, 2006 li peress li, «*il più comprende il meno*», meta attur jitlob somma determinata, u din titnaqqas mhux b'mod sinjifikanti, id-debitur m'għandux jieħu vantaġġ billi jiġi meħlus mill-ħlas ta' xi mgħax (ara wkoll ***Cornucopia Hotel Limited v. Fisher Reisen Limited***, Appell Superjuri, 17 ta' Ottubru, 2007, ***RainbowMix Concrete***

***Limited v. Andrew Scicluna et***, Appell Superjuri, 28 ta' Frar, 2014 u ***Albert Mallia v. Albert Camilleri***, Appell Superjuri, 1 ta' Diċembru 2014);

38. Mill-atti tal-kawża, jirriżulta li l-kumpannija konvenuta ġiet notifikata bir-rikors maħluf fit-2 ta' Diċembru, 2021 u għalhekk hija minn din id-data tat-tagħrifa li l-qorti tqis li għandhom jibdew jiġru l-imgħaxijiet fuq is-somma ta' €32,818.29 (ara *inter alia* ***Joseph Pisani et v. David Mamo et***, Appell Superjuri tas-27 ta' Settembru, 2019 u ***George Żammit et v. Alfred Żammit et***, Appell Superjuri tal-31 ta' Mejju, 2019);

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi **tilqa'** l-ewwel u t-tieni talba tal-atturi iżda sal-ammont ta' €32,818.29 u b'hekk tiddikjara u tikkundanna lil PKR's Construction Company Limited sabiex tħallas lil Omar u Edwidge miżżewġin Ellul, is-somma ta' €32,818.29, b'imgħax sempliċi bit-8% fis-sena fuq din is-somma, li jibda għaddej mid-data tan-notifika tar-rikors maħluf, jiġifieri mit-2 ta' Diċembru, 2021, sad-data tal-ħlas effettiv;

**Tordna** wkoll li l-ispejjeż kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu kollha kemm huma mill-kumpannija konvenuta PKR's Construction Company Limited.

______________________

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

______________________

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**